Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,334, 14 ta' Settembru, 1990
Taqsima B

A.L. 145 ta' l-1990

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

Ordni ta' l-1990 dwar Eżenzjoni mill-Imbullar ta' Oġġetti tad-Deheb u tal-Fidda

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera), il-Ministru tal-Finanzi ordna illi b'seħħ mill-10 ta' Lulju, 1990, u sakemm jingħata avviż ieħor, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmija Ordinanza, safejn japplikaw għall-imbullar ta' oġġetti tad-deheb u tal-fidda bil-boll xieraq tal-Gvern li juri t-titlu tad-deheb jew tal-fidda wżata fil-manifattura tagħhom, ma għandhomx japplikaw għal oġġetti tad-deheb jew tal-fidda manifatturati minn Itala Gold Jewellery Limited, ta' Factory B24A, Bulebel Industrial Estate, Malta, għal skopijiet ta' esportazzjoni biss.

Din l-eżenzjoni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:—

(a) L-imsemmija Kumpannija, barra minn hekk, se tħares għal kollox u dejjem id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza u tar-Regolamenti, Regoli u Ordnijiet magħmulin taħtha;

(b) Il-Kumpannija se tħares ukoll id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1948 dwar il-Kontroll tad-Deheb;

(ċ) *Return* għandu jingħata dwar l-i*stocks* tal-Kumpannija lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għal kull xahar u mhux aktar tard minn tlett ijiem wara l-aħħar jum tax-xahar;

(d) Għandu jingħata wkoll *statement* ta' l-oġġetti importati u esportati mill-Kumpannija lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni; u

(e) Għandu jingħata aċċess sħiħ mill-Kumpannija lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jew lir-rappreżentanti tiegħu biex ikunu jistgħu jsiru spezzjonijiet u jiġu iċċekkjati fiżikament l-i*stocks* tal-Kumpannija fi żminijiet jew ħinijiet skond kif ikun meħtieġ.